TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 52

It-Tnejn, 17 ta' Lulju, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fit-2.45p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresidiet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti is-Sindku Zoya Attard, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri, Mark Pisani u Stefano Savo.

Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skużat.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

**1. MINUTI**

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 51 li saret nhar it-Tnejn, 19 ta' Gunju, 2023, kienu approvati wara li fil-paragrafu 7.1, flok il-kliem "Il-Kunsillier Savo saqsa ..." jidhlu l-kliem "Il-Kunsillieri Savo u Pisani saqsew...".

**2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand il-Kunsillier Josef Fitzpatrick li informa li kien xoghol.

**3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

*3.1* **Torpedo Depot**
Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-haxix hazin li kien kiber fit-Torpedo Depot kien inqata' kollu.

*3.2* **Project Green**
Is-Segretarju Ezekuttiv informa li Project Green kienu ssuggerew xi tibdil fid-disinn tal-progett. Skond il-Perit tal-Kunsill, dan kien se jnaqqas sew mid-disinn oriġinali tal-progett. Hekk hi l-opinjoni tal-Kunsill ukoll wara d-diskussjoni li saret. Ghalhekk kien hemm qbil biex il-Perit tal-Kunsill jiddiskuti dan ma' Project Green sabiex jinstab kompromess dwar id-disinn, uzu ta' materjali u skop tal-progett.

*3.2* **Xoghol fi Triq Santa Monika**
Is-Segretarju Ezekuttiv qal li minn kif jidher, ix-xoghol ta' re-instatement fi Triq Santa Monika ma kienx sar sew. Huwa qal li kien informa lil IM dwar dan.

**4 KORRISPONDENZA**

*4.1* Waqt diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li fondi ghal kollaborazzjoni bejn ir-Regjun Lvant u l-Kunsill, jigu utilizzati kif gej:

**Progetti Kulturali, Sports, Jum il-Lokal, Baned etc (€13,000)**
Il-Kunsill ser ikun qed jorganizza Attivita` muzikali f'Jum il-Lokal, Kuncert tal-banda fil-granet tal-festa, Attivita` mal-Akkademja ta' Pieta` Hotspurs FC kif ukoll kors tal-hjata ghal pavaljuni tal-Festa.

**Progetti ta' titjib fil-Lokalita`(€35,000)**
Il-Kunsill ser ikun qed jutilizza dawn il-fondi f'fees professjonali ghal progetti li ghandu ghaddejjin ma' Project Green kif ukoll IM.

**Xiri jew kiri ta' Tizjin tal-Milied (€3,000)**
Il-Kunsill ser ikun qed jutilizza dawn il-fondi f'dawl u tizjin tal-Milied fit-toroq.

## 5 MISTOQSIJIET

***5.1*** Il-Kunsillier Pisani tkellem dwar applikazzjoni PA 4190/23, ghal żvilupp fi Triq Santa Monika faċċata tal-Knisja. Huwa qal li ma jaqbilx ma' dan l-izvilupp u talab lill-Kunsill joġġezzjona formalment. Il-Kunsill unanimament qabel li ghandu joġġezzjona ghal dan il-permess.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***6.1*** Ma kienx hemm komunikazzjoni tas-Sindku.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Is-Sindku ssekondata mill-Vici Sindku, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 48. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 8. TMIEM

***8.1*** Fl-3.45pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 22 ta' Awwissu, 2023, fil-4.45pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku